MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 506/2009/1

**Maria Dolores sive Doris Scerri bhala mandatrici specjali tal-assenti minn Malta Mark Scerri**

**v.**

**Paul Farrugia u Middlesea Insurance Plc (C5553)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li ressqet l-attrici fis-26 ta' Mejju 2009, li jaqra hekk:

"1. Illi fl-20 ta' Ottubru, 2006 fi Triq Burmarrad, Burmarrad, San Pawl il-Bahar, sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura Toyota Vitz bin-numru tar-

registrazzjoni GBE 472 misjuqa minn Angela Ciappara, il-vettura Citroen Berlingo bin-numru tar-registrazzjoni PYR 200 misjuqa minn Jethro Bugeja, u l-vettura Fort Transit bin-numru tar-registrazzjoni AAP 902 misjuqa mill-intimat Paul Farrugia;

“2. Illi r-rikorrent kien qieghed riekeb bhala passiggier fil-vettura Citroen Berlingo bin-numru tar-registrazzjoni PYR 200 misjuqa minn Jethro Bugeja;

“3. Illi l-incident in kwistjoni sehh wara li, *ex admissis*, l-intimat Farrugia baqa’ diehel fil-vettura ta’ quddiemu, u cioe` s-Citroen Berlingo bin-numru tar-registrazzjoni PYR 200, bil-konsegwenza li din ta’ l-ahhar dahlet fuq il-vettura ta’ quddiemha, u cioe` l-vettura Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni GBE 472 – u dana bhalma jirrizulta mill-okkorrenza tal-Pulizija annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok. MS.1;

“4. Illi ghall-incident u d-danni konsegwenzjali kien jahti unikament l-intimat Paul Farrugia u dana minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosserrvanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

“5. Illi l-vettura Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni AAP 902 kienet assikurata mas-socjeta` intimata Middlesea Insurance plc, tramite l-agenti taghha Allcare Insurance Agency Limited. Min-naha tieghu l-intimat Paul Farrugia ddelega lill-assikurati tieghu sabiex tittratta mar-rikorrenti l-kwistjoni tad-danni civili sofferti minnu u fil-fatt is-socjeta` intimata Middlesea Insurance plc ittrattat direttament mar-rikorrent;

“6. Illi minhabba dan l-incident, ir-rikorrenti sofra danni kemm *damnun emergens*, kif ukoll *lucrum cessans* u dana peress illi garrab debilita` permanenti – hekk kif iccertifika l-konsulent ortopediku, Mr. Frederick Zammit Maempel, permezz tar-rapport anness mar-rikors u immarkat bhala Dok. MS.2, kif ukoll il-konsulent newrologiku, Dr. Anthony Zrinzo, permezz tar-rapport anness mar-rikors u immarkat bhala Dok. MS.3;

“7. Illi interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta’ danni, permezz ta’ ittra ufficjali tas-6 ta’ Marzu, 2008 l-intimat baqa’ inadempjenti, u ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni;

“Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikkjara li l-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta’ Ottubru, 2006 fi Triq Burmarrad, Burmarrad, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni GBE 472 misjuqa minn Angela Ciappara, il-vettura Citroen Berlingo bin-numru tar-registrazzjoni PYR 200 misjuqa minn Jethro Bugeja, u l-vettura Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni AAP 902 misjuqa mill-intimat Paul Farrugia, sehh unikament tort ta’ l-istess intimat Paul Farrugia; li jahti wkoll unikament ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent, kemm *damnum emergens*, kif ukoll *lucrum cessans*, u dana okkorrendo bl-opra ta’ periti nominati minn dina l-Qorti;

“3. Tikkundanna lill-intimat Paul Farrugia u lis-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. u din ta’ l-ahhar fil-vesti taghha bhala assikurattrici tal-vettura AAP 902, sabiex ihallsu *in solidum* u bejniethom lir-rikorrent dak l-ammont li jigi hekk illikwidat.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Marzu, 2008 u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi kontra l-intimati *in solidum* u bejniethom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` Middlesea Insurance Plc li in forza taghha eccepiet:

“1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti Maria Dolores sive Doris Scerri ghandha tipprova l-mandat taghha permezz tad-dokumenti relativi;

“2. Illi minghajr pregudizzju, l-konvenut l-iehor Paul Farrugia mhux kopert bil-polza tas-sigurta` mis-socjeta`

intimata Middlesea Insurance p.l.c. u ghalhekk is-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. irriservat id-drittijiet taghha kontra l-istess Paul Farrugia;

“3. Illi dwar il-fatti dikjarati mill-attrici fir-rikors taghha jinghad:

“a) dwar l-ewwel zewg paragrafi ta’ l-istess rikors taghha mhux kontestanti;

“b) dwar il-paragrafu numru 5 is-socjeta` konvenuta tichad li hija ttrattat f’isem Paul Farrugia jew kellha xi delega minghand l-istess Paul Farrugia sabiex titratta mal-attrici dwar il-kwistjoni tad-danni civili sofferti minnha, izda kull trattattivi saru *da parti* tas-socjeta` konvenuta kienu minhabba l-obbligi legali ta’ l-istess socjeta` konvenuta. Illi in oltre fil-korrispondenza s-socjeta` konvenuta Middlesea Insurance p.l.c. kienet espressament spjegat kif l-istess Farrugia ma kienx kopert mill-istess Polza;

“c) dwar il-paragrafi numri 3, 4, u 6 is-socjeta` intimata tirrimetti ruhha ghall-provi li jigu prodotti fit-trattazzjoni tal-kawza;

“4. Is-socjeta` konvenuta irriservat kull dritt u azzjoni lilha kompetenti skond il-ligi kontra l-konvenut l-iehor Paul Farrugia ghall-indenizz tad-danni li hija sofriet u li ghad tista’ ssofri fir-rigward;

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Paul Farrugia tal-15 ta’ Dicembru 2009 li in forza taghha eccepixxa:

“1) Illi preliminarjament trid issir il-prova li l-preskrizzjoni f’dan il-kaz giet interrotta skond il-ligi qabel gie intavolat ir-rikors guramentat – fin-nuqqas ta’ din il-prova, it-talba attrici tigi li hi preskritta bit-trapass ta’ sentejn, *ai termini* ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2) Illi preliminarjament ukoll trid issir il-prova tal-mandat li Maria Dolores *sive* Doris Scerri kellha sabiex tintavola din il-kawza f’isem Mark Scerri.

“3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, u prevja li tigi ippruvata l-htija ta’ l-intimat ghall-incident stradali mertu tal-kawza, tispetta wkoll lir-rikorrent il-prova li d-debilita` permanenti lamentata minnu giet kagunata direttament u b’konsegwenza unika tal-incident stradali mertu tal-kawza odjerna, u li r-rikorrent ma kienx diga ibati minn din il-kundizzjoni precedentement ghall-incident *de quo*.

“4) Illi t-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni hi kontestata.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Mejju 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“Il-Qorti tqis in-notifika valida u tichad l-ewwel eccezzjoni. Spejjez ta’ din l-eccezzjoni ghall-intimat Farrugia.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Din id-decizjoni hi dwar l-ewwel eccezzjoni ta’ Paul Farrugia dwar il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici.
“Huwa pacifiku li l-preskrizzjoni applikabbli f’dan il-kaz hi dik ta’ sentejn a norma ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Ir-rikorrenti *nomine* tikkontendi li kien hemm l-interruzzjoni ta’ din il-preskrizzjoni bl-ittra ufficjali intavolata fis-6 ta’ Marzu 2008, esebita minnha fil-process u immarkata bhala Dokument DS1. Ma jidhirx (minhabba li ma ipprezentat ebda nota ta’ osservazzjonijiet) li qed tikkontesta fil-fatt li effettivament din hi l-preskrizzjoni applikabbli.

“L-artikolu 2153 tal-Kap. 16 jghid hekk:

““L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.”

“L-incident stradali *de quo* sehh fl-20 ta’ Ottubru 2006. L-ittra ufficjali giet prezentata fis-6 ta’ Marzu 2008 u giet imqassma lil Matilde Farrugia (omm l-intimat) fl-14 ta’ Marzu 2008. Kif jidher a fol 1 tal-process il-kawza odjerna giet intavolata fis-26 ta’ Mejju 2009. Ghalhekk jirrizulta li bejn id-data ta’ l-incident u l-intavolar tal-kawza ghaddew aktar minn sentejn, u ghalhekk il-kwistjoni kollha certament li tirrivolvi ruhha dwar jekk l-ittra ufficjali msemmija kellhiex l-effett li tinterrompi l-preskrizzjoni.

“Relevanti huwa l-artikolu 2128 tal-Kap. 16 li jghid hekk:

““Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b’kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.”

“Ukoll l-artikolu 187 (1) tal-Kap. 12:

““In-notifika ssir bil-kunsinna ta’ kopja ta’ l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f’idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f’idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.”

“Ghalhekk notifika ssir bil kunsinna ta’ skrittura –

- lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew
- billi dik il-kopja tithalla f’idejn membru tal-familja jew tad-dar, jew
- f’idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna, jew
- f’idejn il-prokuratur taghha, jew

- persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.

"Fil-kaz in ezami l-ittra ufficjali giet imqassma minn ufficjal tal-posta lil Matilde Farrugia (omm l-intimat) fil-fond St. Nicholas, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi. L-intimat jikkontendi li f'dan l-indirizz hu la jghix u lanqas jahdem fih, u lanqas hu l-indirizz postali tieghu, ghax jikkontendi li jghix fl-indirizz Flat 3, Barka Flats, Triq ix-Xliep, Xghajra. Dan gie konfermat mill-konvenut meta xehed. Semma li l-indirizz "St.Nicholas", Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi hu l-indirizz tal-genituri tieghu. Hu kien jghix hemm qabel, izda ilu snin li telaq minn din ir-residenza u mar jghix ix-Xghajra flimkien ma' l-gharusa tieghu.

"Haga wahda fundamentali li konvenjentement nesa l-intimat Farrugia hi li l-indirizz li jirrizulta tieghu a fol 8 tal-process – ir-Rapport tal-Pulizija – l-indirizz imnizzel huwa "St.Nicholas", Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi. Dan ma giex ivvintat mill-Pulizija, izda irrizulta mid-dokumenti u dak li qal lill-Pulizija. Jew kien mar joqghod fil-post l-iehor u ma biddilx id-dokumenti relativi jew kien ghadu ma biddilx ir-residenza fiz-zmien tan-notifika. F'kull kaz ir-responsabbilta` kienet tieghu li jiehu hsieb jaghmel l-alterazzjonijiet opportuni."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Paul Farrugia li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hemm indikati li "tirrevoka u thassar is-sentenza *in parte* hawn appellata, u ghaldaqstant tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu u tiddikjara l-azzjoni attrici bhala preskritta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha "tichad l-appell interpost mill-intimat appellanti Paul Farrugia, u tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-ismijiet fuq premessi fl-24 ta' Mejju 2011, fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant Paul Farrugia, u tirrimanda l-atti tal-kawza lura

lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili filwaqt illi tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu taghha.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li skont l-**Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12** meta n-notifika ma ssirx lid-debitur direttament izda lill-persuni ohra hemm imsemmija, in-notifika trid isir fil-lok fejn jahdem jew fl-indirizz postali u la darba l-appellant jallega li n-notifika lill-ommu saret fil-fond fis-Siggiewi fejn huwa dak iz-zmien ma kienx jirrisjedi mela allura l-ittra ufficjali datata 6 ta’ Marzu 2008 qatt ma giet notifikata lilu u allura ma kienx hemm ksur ta’ preskrizzjoni u la darba l-incident stradali sehh fl-20 ta’ Ottubru 2006 u l-kawza saret fis-26 ta’ Mejju 2009 mela allura l-eccezzjoni tieghu ta’ preskrizzjoni ta’ sentenza abbazi tal-**Artikolu 2153 tal-Kap. 16** tapplika u b’dan li tali eccezzjoni li l-azzjoni hija hekk preskritta kellha tintlaqa’.

Illi jirrizulta li l-appellanti qed jibbaza l-allegazzjonijiet tieghu fuq li kif xehed huwa n-notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Marzu 2008 ma tistax taffetwah ghaliex din giet moghtija lill-ommu fil-fond St. Nicholas, Triq Mons. Mikiel Azzopardi Street, Siggiewi meta huwa f’dak iz-zmien kien gja` jghix fil-fond Flat 3, Barka Flats, Triq ix-Xliep, Xghajra, tant li (a) dan huwa ammess fil-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Dicembru 2010 fejn hemm indikat li d-difensuri tal-kontro-parti ndikaw li *“n-notifika ta’ Paul Farrugia saret fl-indirizz zbaljat”;* (b) ix-xhieda tieghu u li dan huwa l-indirizz tal-Karta tal-Identita` tieghu; (c) huwa qatt ma ta tali indirizz lill-Pulizija ghalkemm dak huwa l-indirizz indikat fl-okkorenza dwar l-incident redatta mill-ufficjali tal-Pulizija; (d) li fir-registru elletorali huwa indikat li joqghod ix-Xghajra u huwa kien ha hsieb jaghmel l-arrangamenti kollha necessarji sabiex kontrarjament ghal dak indikat fis-sentenza jbiddel ufficjalment l-indirizz tieghu u ma kellu l-ebda mezz li jbiddel l-indirizz fid-*database* tal-pulizija, li skont huwa kien uzat mill-pulizija sabiex gie indikat fl-

okkorrenza jew *road accident report* l-indirizz fis-Siggiewi. B'hekk meta l-ewwel Qorti sostniet fid-decizjoni taghha li l-appellant ma kienx biddel id-dokumenti relattivi fejn kien jghix dan kien zbaljat ghaliex fil-fatt l-konvenut kien ghamel dan.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li r-referenza li saret mill-appellanti ghall-verbal tas-seduta quddiem l-ewwel Qorti tal-1 ta' Dicembru 2010 fejn jirrizulta li d-difensuri tal-partijiet l-ohra ddikjaraw li *"n-notifika ta' Paul Farrugia saret fl-indirizz zbaljat"* ma hijiex korretta, anzi fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija asserzjoni zvijatorja, peress li dak il-verbal ma kienx qed jittratta dwar in-notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu 2008 izda ghan-notifika tal-atti tal-kawza u l-avviz tas-smiegh tal-istess, u allura li certament dan ma ghandhu l-ebda relevanza fuq il-punt mertu ta' dan l-appell. Fil-fatt dan sar wara li kien hemm riferti negattivi datati 28 ta' Awwissu 2009 (*a tergo* fol. 15) u 28 ta' Settembru 2009 (*a tergo* fol. 22) tal-atti tal-kawza u l-avviz ta' appuntament tal-istess fil-21 ta' Awwissu 2009 (a tergo fol. 17) u kien f'dan is-sens li sar il-verbal imsemmi fl-1 ta' Dicembru 2009 (fol. 28).

Illi ghalkemm jirrizulta li fir-Registru Ellettorali l-konvenut kien gia` indikat li jghix fl-indirizz minnu ndikat fix-Xghajra, xorta jibqa' l-fatt li fl-okkorrenza mahruga fl-10 ta' April 2007 (Dok. "MS 1" – fol. 6) li tirreferi ghad-data tal-incident tal-20 ta' Ottubru 2006 l-indirizz tal-appellant huwa indikat bhala dak ta' St. Nicholas, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi u jidher li l-okkorrenza hija bbazata fuq id-dettalji li l-persuni involuti fl-incident kienu taw lill-Pulizija, u ma jirrizultax li l-appellanti f'xi mument qabel ma saret din il-kawza ittenta jibdel dak li waqt din il-pendenza huwa qed jghid li mhux l-indirizz jew residenza tieghu.

Illi fil-fatt jidher li dan il-punt tqajjem l-ewwel darba wara li saret din il-kawza fis-26 ta' Mejju 2009 u allura snin wara li saret l-okkorrenza u wkoll anke wara l-ittra ufficjali datata 6 ta' Marzu 2008, li giet notifikata proprju fl-indirizz is-Siggiewi skont riferta pozittiva datata 14 ta' Marzu 2008 *(a tergo* fol. 140).

Illi jidher li din l-ittra ufficjali indirizzata lill-konvenut/appellant giet moghtija permezz tal-posta registrata lill-omm l-appellant Matilde Farrugia (fol. 141) u minn imkien allura lanqas f'dan l-istadju ma hemm indikat li allura d-dettlalji fl-okkorenza kienu zbaljati, u jidher li omm l-appellant lanqas indikat lil hadd li l-appellant ma kienx jghix fil-post fejn l-istess ittra kienet indirizzata. Fil-fatt l-appellant lanqas ressaq lill-ommu sabiex tixhed dwar dan, u lanqas sabiex jipprova fejn huwa kien qed jghid li jghix dak iz-zmien, meta s'intendi kien oneru tieghu li jipprova dak li qed jallega, cioe` li huwa ma kienx jghix f'dak iz-zmien tal-allegata notifika tal-ittra ufficjali fil-fond fejn l-istess ittra kienet indirizzata, li huwa l-istess indirizz indikat fuq l-okkorenza.

Illi jinghad ukoll li lanqas tressqet fl-ewwel istanza x-xhieda ta' PS 455 Emmanuel Sammut li kien l-ufficjal tal-Pulizija li attwalment irrediga l-okkorrenza u dan meta kien fl-interess tal-istess appellant li jaghmlu, iktar u iktar meta huwa kien qed u ghadu qed jallega li fiz-zmien tal-kollizzjoni huwa ma kienx jghix fl-indirizz indikat fl-okkorenza u jghid li huwa ta l-Karta tal-Identita` lill-istess ufficjali tal-Pulizija, meta skont huwa fuq l-istess Karta tal-Identita` dak iz-zmien kien gja` indikat l-indirizz tax-Xghajra. Dan huwa punt vitali meta tikkonsidra li allura huwa ferm kurjuz kif l-indirizz fuq l-okkorrenza huwa dak tas-Siggiewi, indirizz li allura kemm il-darba l-verzjoni tal-appellanti hija veritiera, ma kellhu jkun hemm qatt ghaliex il-Karta tal-Identita` li l-ufficjal ikkonsulta kien jindika indirizz fix-Xghajra u mhux fis-Siggiewi. Dan qed jinghad anke fid-dawl li jekk hija minnha l-verzjoni tal-appellant, il-Pulizija la darba gew moghtija dokument bhal ma hija l-Karta tal-Identita` tal-appellant, ma kellhomx ghalfejn jirreferu ghad-*data base* taghhom, u dan qed jissemma ghaliex l-appellant qed isostni li l-indirizz il-pulizija presumibilment gabuh minn fuq tali *database,* haga li jekk wiehed jiehu l-verzjoni tal-appellanti ma treggiex ghaliex la l-appellant tah il-Karta tal-Identita` ma' kienx hemm bzonn ta' verifiki ulterjuri. Hawn il-Qorti tinnota wkoll li fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Lulju 2010 (fol. 156) l-appellant f'mument minnhom jghid li huwa ta lill-pulizija l-licenzja ghaliex ma

kellhux fuqu l-Karta tal-Identita`. Dan ikompli jredni l-verzjoni tal-konvenut mhux wahda kredibbli.

Illi din il-Qorti hadhet ukoll konjizzjoni tal-fatt li kien biss fil-mori ta’ dan l-appell u wara rikors f’dan l-istadju tal-appell li l-imsemmi PS 455 Emmanuel Sammut gie prodott biex jixhed mill-konvenut appellanti u kif jirrizulta mis-seduta tat-28 ta’ Marzu 2012 quddiem il-Qorti tal-ewwel Istanza (li din il-Qorti indirizzat bid-digrieti taghha tas-26 ta’ Awwissu 2011 (fol. 199) u dak tas-17 ta’ Jannar 2012 (fol. 209)) dan sostna li huwa ha l-indirizz tas-Siggiewi minn dak li kien hemm f’dak iz-zmien mill-Karta tal-Identita` li giet provduta lilhu mill-konvenut, u jghid li din hija l-prassi li huwa dejjem segwa, b’dan li qal ukoll li kieku l-indirizz ma kienx jikkombaccja huwa kien jibghat ghal individwu.

Illi ghalkemm jinghad li skont l-ufficcju tal-*Identity Cards* l-indirizz tal-konvenut kien dak tax-Xghajra, izda mill-provi ma jirizultax li l-indirizz fuq il-Karta tal-Identita` li l-konvenut wera lill-Pulizija ma kienx jikkombaccja ma’ dak indikat fl-okkorenza. Din il-Qorti fid-dawl anke ta’ din ix-xhieda thoss li la darba l-konvenut qed isostni li f’dak iz-zmien tal-incident, ir-residenza tieghu ufficjali u ddikjarata tieghu kienet fix-Xghajra, huwa misteru allura kif l-indirizz fuq l-okkorenza kellhu jkun dak tas-Siggiewi, iktar u iktar meta l-konvenut qed jghid li f’dak iz-zmien il-Karta tal-Identita` tieghu kienet gja` fuq ix-Xghajra.

Illi jekk din il-Qorti tiehu din il-verzjoni tal-appellant, mela allura x’zamm lill-appellant milli meta harget l-okkorrenza jindika li l-indirizz tieghu gie mnizzel hazin fuq l-istess okkorrenza u ghaliex allura ma ghamel xejn sabiex jirranga l-istess. Hawn tqum ukoll domanda ohra ta’ minn fejn gabu l-indirizz l-istess ufficjal tal-Pulizija, kemm-il darba l-appellant urieh karta tal-identita` valida bl-indirizz tax-Xghajra. Barra minn dan ma giex spjegat ukoll kif la darba l-appellant jghid li f’dak iz-zmien huwa effettivament ma kienx jghix fis-Siggiewi ghaliex allura ommu accettat ittra ufficjali indirizzata lill-binha li ma kienx, skont huwa, ghadu jghix hemm, u ma rritornatx lura l-istess dokument. Fil-kuntest ta’ dan kollu din il-Qorti tinnota li l-appellant lanqas ressaq lill-ommu sabiex tixhed fuq dan il-punt.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-appellant naqas li jipprova li fid-data tal-incident u fid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali huwa ma kienx jirresjedi fil-fond is-Siggiewi ndikat fl-okkorenza u din il-Qorti thoss li l-okkorrenza hija wkoll dokument ufficjali li jindika f’dan il-kaz fejn huwa kien jirrisjedi, u jekk dan kien inkorrett, mela l-appellant kellhu mill-ewwel jew fil-hin propizju jindika li tali dettal kien zbaljat, izda jidher li l-appellant ma ghamel xejn minn dan, u kien biss issa waqt il-mori ta’ din il-kawza li huwa qajjem dan il-punt, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan irrendi l-verzjoni tal-appellant bhala inverosimili u mhux kredibbli, b’dan li din il-Qorti tafferma li mill-provi prodotti jirrizulta li l-okkorenza tindika r-residenza tal-appellant, u li allura n-notifika fl-istess indirizz tal-ittra ufficjali datata 6 ta’ Marzu 2008 saret validament u skont il-ligi, u allura la dan huwa hekk kien hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni bin-notifika tal-istess ittra ufficjali li saret fl-14 ta’ Marzu 2008 (Dok. “DS 2” – fol. 133) u allura l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni abbazi tal-**Artikolu 2153 tal-Kap.16** giet korrettament michuda permezz tas-sentenza tal-ewwel Qorti datata 24 ta’ Mejju 2011. B’hekk allura l-appell odjern qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata b’dan li tordna l-prosegwiment tal-kawza u ghal dan l-iskop qed tirrinvija l-atti kollha processwali lura lill-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma’ l-kaz u tiddeciedi l-mertu tal-istess fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti.

Bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-appellanti Paul Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------